MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 272/2009

**A B f'isimha u ghan-nom ta' binha minuri C**

**-vs-**

**D E u d-Direttur tar-Registru Pubbliku Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B f'isimha u ghan-nom ta' binha minuri C, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi xi tlett gimghat ilu hi saret taf li fit-8 ta' Mejju 2009 kienet inghatat sentenza fl-ismijiet "**D E vs A B, u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2008 gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2009 gie kjamat ukoll fil-kawza il-minuri C B kif rapprezentat mill-istess konvenuta A B**", (Rik. Gur. 134/08 JA).

Illi din l-informazzjoni wasslitilha permezz ta’ F u G H konjugi I, “foster parents” tal-minuri C B li gew notifikati bi proceduri ghall-access ghall-minuri C, stante li bis-sahha tas-sentenza imsemmija, l-intimat E gie rikonoxxut bhala missier l-istess minuri.

Illi l-esponenti thoss li s-sentenza imsemmija hija nulla, u li hemm lok tar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija ai termini tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 ghaliex hija qatt ma giet debitament notifikata skond il-ligi, u dan ghaliex hi ma kinitx tirrisjedi fl-indirizz moghti mill-intimat fil-kawza imsemmija ghan-notifika taghha u ghalhekk ma seta’ qatt validament jigu applikati fil-konfront taghha, il-provvedimenti tal-Kap. 12 ghan-notifika permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Illi l-intimat jaf ben tajjeb li l-indirizz moghti minnu, kien indirizz li fih, l-esponenti kienet toqghod fis-sena 2006, u meta harget minnu f’dik is-sena stess kienet ghamlet perjodu toqghod mieghu go flat gewwa Rudolphe Street, Tas-Sliema, kif jigi ppruvat. Kien ukoll ikun possibli ghall-esponent sabiex jottjeni l-indirizz tal-esponenti b’referenza ghall-karta tal-identita’ taghha.

Illi in oltre, in kwantu li bis-sahha tad-digriet tas-6 ta’ Marzu 2009 ta’ din l-Onorabbli Qorti, gie kjamat fil-kawza, il-minuri C B kif rapprezentat mill-esponenti, qatt ma saret notifika taghha f’din il-kapacita’ u ghalhekk bl-istess mod hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza “**D E vs A B, u b’digriet tad-19 ta’ Novembru 2008 gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u b’digriet tas-6 ta’ Marzu 2009 gie kjamat ukoll fil-kawza il-minuri C B kif rapprezentat mill-istess konvenuta A B**”, (Rik. Gur. 134/08 JA) ai termini tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 kif intqal.

Illi l-esponenti qatt ma attendiet ghas-seduti tal-kawza imsemmija.

Illi jirrizulta wara s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, prova gdida illi ma kinitx disponibbli qabel,

liema raguni, ghalhekk, taghti lok ghat-thassir tas-sentenza u ritrattazzjoni tal-istess kawza a tenur tal-Art. 811 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Thassar is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tat-8 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet "**D E vs A B, u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2008 gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2009 gie kjamat ukoll fil-kawza il-minuri C B kif rapprezentat mill-istess konvenuta A B**", (Rik. Gur. 134/08 JA) kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza li fiha inghatat is-sentenza imsemmija, a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita' tar-rikors odjern stante li fih m'hemmx indikazzjoni xierqa u shiha tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed taghmel it-talba kif hekk jitlob l-**Artikolu 174 (2) (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jitkellem dwar x'ghandu jkun fihom l-iskritturi;

Illi minghajr hsara ghall-premess, it-talba tar-rikorrenti ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-**Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda ghaliex ir-rikorrenti pro et noe fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rik. Gur. 134/08 JA) kienu bl-awtorizazzjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti gew debitament notifikati permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni skond kif jiddixxiplina l-**Artikolu 187 (3)** tal-imsemmi kodici ritwali;

Illi b'mod aktar dettaljat ghal dak li jghodd ghall-kaz in ezami jitnissel mill-enkartament tal-atti processwali tal-kawza (Rik. Gur. 134/08 JA) li l-avviz dwar ir-rikors guramentat gie ppubblikat darbtejn fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' April 2008 u fis-26 ta' Settembru 2008 u darba fil-gurnal '*The Times*' fis-6 ta' Novembru 2008. Apparti minn hekk kienet saret ukoll l-affissjoni mehtiega – cioe' kienet twahhlet kopja tal-att tal-kawza fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bugibba, fil-Kunsill Lokali ta' Bugibba u fl-indirizz fejn kienet tghix ir-rikorrenti A B. Kwindi, it-talbiet rikorrenti ghar-ritrattazzjoni hija ghal kollox frivola u insostenibbli.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' D E, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi, preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti la ghandha l-kura u l-kustodja tal-minuri C, u lanqas hija awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tagixxi f'isem l-istess minuri;

Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa null u bla effett stante li huwa karenti minn indikazzjoni xierqa u shiha tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qieghda taghmel it-talba u dan *ai termini* tal-Artikolu 174 (2) (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess rikorrenti pro et nomine giet debitament notifikata bil-proceduri fl-ismijiet **D E vs A B et** (Rikors Guramentat: 134/08 JA), u dan kif jirrizulta mill-inkartament tal-istess kawza;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu mhux kontestat mir-rikorrenti li l-esponenti huwa l-missier biologiku tal-minuri C, jirrizulta karenti l-interess guridiku tar-rikorrenti proprio f'dawn il-proceduri;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt i ghandhom ikunu michuda stante li mhux fl-interess tal-minuri C li tkun imhassra sentenza li permezz taghha l-esponenti gie rikonoxxut bhala l-missier u mhux aktar meqjus bhala iben ta' missier mhux maghruf, liema interess ghandu jipprevali fuq it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-rikors ta' A B, li permezz tieghu talbet illi l-Onorevoli Imhallef, sedenti f'dan ir-rikors toghgobha tastjeni mis-smiegh ta' dan ir-rikors ghar-ragunijiet moghtija.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2010, li permezz tieghu, il-Qorti cahdet it-talba u ordnat li l-kawza titkompla.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2010, fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-Atti tal-kawza Nru. 134/08 JA. Permezz tal-istess digriet, il-Qorti ordnat ukoll, fuq talba tar-rikorrenti illi fir-rikors promotur tizdied kawzali fis-sens "illi jirrizulta wara s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni prova gdida illi ma kinitx disponibbli qabel, liema raguni, ghalhekk, taghti lok ghat-thassir tas-sentenza u ritrattazzjoni tal-istess kawza a tenur tal-Art. 811 tal-Kap. 12".

Fl-istess seduta ukoll, l-intimat E ammetta l-mertu tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, il-Qorti qed tintalab thassar sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, li permezz taghha, gie dikjarat illi D E huwa l-missier naturali tal-minuri C.

Dwar l-istitut ta' ritrattazzjoni:

"*Il-Qorti tibda biex tqis illi l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali moghti b'eccezzjoni tal-principju fondamentali "res judicata pro veritate habetur". Ghaldaqstant, kif dejjem irretenew l-awturi u l-Qrati taghna, l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-istess ghandha tkun essenzjalment strettissima.*

*Kif ritenut fil-kawza "Mifsud Bonnici vs Scicluna et":*

*"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizazzjoni tal-ordni gudizzjarju fl-istruttura hija ta' zewg gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami tal-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravennew, basta li f'ebda kaz, dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni".*

*L-istess gie ribadit fil-kawza "Causon vs Portelli" (7 ta' Marzu 1992) u "Aquilina vs I" (Appell – 16 ta' Frar 2004).*"

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi, fil-proceduri li taghhom qed tintalab ritrattazzjoni, il-minuri gie dikjarat wild naturali tal-intimat odjern, dan fil-kontumacja tal-allura intimata, rikorrenti odjerna, omm l-istess minuri. Qatt ma gew ezegwiti ezamijiet xjentifici. Din il-prova, illum hija disponibbli ghal din il-Qorti u d-dokument relattiv gie prezentat in atti (fol. 31). Minn dan jirrizulta illi l-minuri m'huwiex fil-fatt wild D E.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rekwiziti imposti bil-ligi fl-Art. 811 et seq tal-Kap. 12 gew sodisfatti u s-sentenza imsemmija ghandha tithassar.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u thassar is-sentenza 134/08 JA moghtija fit-8 ta’ Mejju 2009. Fic-cirkostanzi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------